**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 748/2014*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**-vs-**

**Joseph Gauci, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 158953M**

Illum, 14 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Gauci** u ċioè talli:[1]

> F'Ġunju 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, minn ġewwa l-ħanut li għandu '102 Convenience Shop' Ex 'Mullu Store' ġewwa Triq il-Kbira, Dingli, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2,329.32;
>
> Fl-istess perjodu, ikkorompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew

[1] Akkuzi godda a fol.310-311

f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta , dan l -istess uffiċjal jew impegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

Fl-istess perjodu ikkorrompa w kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi.

Fl-istess perjodu kkorompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita` oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

Irrenda ruħu reċidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. [2]

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 2019,[3] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279(b), 280, 283 u 283A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 42, 43, 115(1)(c), 119 u 120 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 42, 43, 112 u 119 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 42, 43 u 127 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[2] Mizjuda b'digriet a fol.93

[3] Fol.329-330

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat

Il-**Current Incident Report**[4] juri kif nhar il-5 ta' Gunju, 2014, waqt spezzjoni f'102 Triq il-Kbira, Dingli, instab *meter* imbghabas li ma kienx qed jirregistra konsum fuq ir-*red phase*.[5] Ir-rapport gie kkonfermat minn **PC1529 Malcolm Briffa**[6] kif ukoll minn **PC1222 Carl Nikolai Vella Cassia**.[7]

**Carmel Scerri**, Divisional Manager (Distribution) fi hdan l-Enemalta spjega kif hu kien responsabbli mill-*meter section* inkluz l-*smart meters* w offra l-isfond ta' kif inbdew l-investigazzjonijiet dwar tbghabis fl-*smart meters*. Spjega kif waqt li kien qed jigi ttestjat *meter* mill-lokalita` ta' H'Attard instab li dan kien *under-registering.* F'Lulju dahhlet informazzjoni li kien hemm *meter* iehor li kien originarjament installat f'H'Attard li kien suspettat hu meta nqala w ittestjawh instab li anke dan kien *under-registering*. L-istess gara f'Settembru fir-rigward ta' *meter* iehor li kien originarjament installat fil-Fgura.[8] Skattat investigazzjoni u nstab li t-tlett *meters* gew installati mill-istess *installer* u l-procedura li kienet qed tintuza sabiex issir l-*under-registering,* kienet l-istess fejn ghalkemm ma kien hemm raguni sabiex il-meter jinbiddel, fil-fatt dawn xorta wahda

---

[4] Fol.76 et seq.
[5] Fol.78
[6] Fol.332-333
[7] Fol.86
[8] Fol.35

kienu qed jinbiddlu. Inzerta li waqt li kienu hawn Malta d-dizinjaturi tal-*smart meters*, il-kumpanija Taljana ENEL, dawn gew ikkonsultati u peress li kellhom maghhom strumenti necessarji, il-*meters* gew ezaminati u wasslu ghall-istess konkluzzjonijiet li kienu wasslu ghalihom qabel l-Enemalta meta ezaminaw l-istess *meters*. Gie suggerit li l-*meters* jintbghatu lill-Laboratorju tac-CESI u f'Settembru intbghat l-ewwel *meter*. Ikompli *"dawn ghaddewh minn process ta testijiet, anki fethuh, anki ccekjawh kollu u fl-ahhar ta' Settembru bghatulna dokument fejn f'dan id-dokument qed jghidulna li dan il-meter infetah, dan il-meter gie hhackjat kienu qed ibghabsulu xi haga minn gewwa u wrewna l-informazzjoni li kien hemm."* Intbghatu z-zewg *meters* l-ohra fejn rapport mibghut dwarhom sab li dawn il-*meters* gew mbghabsa bl-istess mod.[9]

Sussegwentement l-Enemalta xtrat strumenti bhal ma kienu qed juzaw l-ENEL u mill-IT Section tal-Enemalta inbeda process sabiex isir maghruf x'kien qed jigri. *"Bazikament qbadna l-installer, qbadna t-tip ta' procedura u bdew johorgu certu patterns. Flimkien mall-Interal Audit once li kellna l-informazzjoni u kellna l-istrumenti f'idejna ddecidejna li f'Jannar nibdew naghmlu t-testijiet fuq barra, jigifieri l-ewwel bdejna li ncemplu n-nies u nghidulhom li ha naghmlu t-testijiet, jigifieri li huwa fid-dmir taghna bhala Enemalta, dak iz-zmien kienet corporation illum plc, li ahna nittestjaw il-meters, u bdejna nsibu li dawn kienu underregistered. Kull darba kienu qed johorgu team ta' persuni, jittestjaw fuq il-post, johorgu dokument, u kull darba li nsibu dawn il-meters naghmluhom go evidence bags,..... beda johrog li dan kien hemm pattern, kien hemm pattern li l-meters hafna minnhom li kienu qeghdin jitwahhlu dawn kellhom initial reading, .... qabel ma jigu pogguti fuq il-post dawn kienu qeghdin jigu ttestjati, ghalhekk kien qed ikollhom l-initial reading, allura hadna decizjoni li minflok naqbdu biss il-procedura li sibna ta' dawk it-tlieta nestenduwa biex naraw liema meters kellhom l-initial reading kollha li wahhalna, u bdew johorgu li mhux biss ta' installer wiehed, u kien hemm iktar installers."*[10]

---

[9] Fol.36
[10] Fol.36-37

**John Tonna** pprezenta r-rapport ta' spezzjoni li saret minnu fil-fond 102, Triq il-Kbira, Dingli fejn *"sibna fuq il-meter 3 phase sibna li fuq ir-red ma kien qed jirregistra xejn jigifieri l-konsum kollu li kien ghaddej minn fuq ir-red phase ma kienx ghaddej….. sibna li rregistrat kien fuq Joseph Gauci dakinhar, imma ahna ttestjajnieh quddiem Christopher Rapinett…. sid tal-post li qed jiehu hsieb bhalissa l-hanut".*[11] Ir-rapport gie esebit mix-xhud[12] filwaqt li l-meter esebieh **Joseph Giuliano**[13] li xehed *"ghamilna test fuqu l-arlogg u rrizulta li r-red phase ma kien qed jimmarka xejn jigifieri dak kollu li kien ghaddej minn gor-red phase mill-wire l-ahmar mhux qed jimmarka xejn l-arlogg.".*[14] Prezenti ghall-ispezzjoni kien hemm certu Rapinett li kien qed jiggestixxi l-hanut tal-merca. Robert Busuttil wkoll ikkonferma dak li rrizulta mill-ispezzjoni: *"Dak il-hin is-Sur Rapinett qalilna li hu qieghed jirrunja l-hanut u ghamilna l-inspection quddiemu u t-testijiet irrizulta li l-meter ma kienx qed jirregistra fuq ir-red phase, kien minus 100%. Il-meter gie mibdul u ssigillat go evidence bag number u ghamilna meter gdid.".*[15]

**Alan Chetcuti** pprezenta l-kwerela[16] mill-Enemalta kif ukoll stima tal-konsum mhux registrat. Spjega kif saru l-kalkoli da parti tal-Enemalta: *"Rigward il-kaz 102 Main Street Dingli f' dan il-kaz li ghamilna huwa li qabbilna l-konsum l-antik minn meta twahhal il-meter jigifieri id-19 ta' Jannar 2011 sa dakinhar tal-ispezzjoni 5 ta' Gunju 2014 fejn l-average tal-konsum kien 171.9 units ta' dawl kuljum. Kif inbidel il-meter fl-ewwel gimghatejn wara l-ispezzjoni l-konsum telgha ghal 250 unit ta' dawl kuljum. Qabbilna z-zewg figuri bhala l-ammont il-pretensjoni tal-Enemalta nkluzi l-penali 24,319.72 Euro jekk innehhu l-penali jigu 19,849.39 Euro.".*[17] Riprodott spejga kif Christopher Rapinett, li beda jiggestixxi l-hanut in kwistjoni mill-1 ta' Frar, 2014, kien lahaq arrangament mal-Enemalta u hallas €1578.91 li jirrigwardaw l-istima fuq konsum mill-1 ta' Frar sad-data tal-ispezzjoni fil-

[11] Fol.39-40
[12] **Dok.DRZ1** a fol.41-47
[13] Fol.48
[14] Fol.48
[15] Fol.50
[16] **Dok.RZ3** a fol.54-57
[17] Fol.52

5 ta' Gunju, 2014.[18] Kompla kif wara l-ispezzjoni il-*readings* wrew li kienu qed jigu registrati *average* ta' 239 units kuljum.[19]

**Christopher Rapinett** xehed li xtara hanut f'Had-Dingli minghand l-imputat.[20] Darba fost l-ohrajn saret spezzjoni mill-Enemalta u sabu l-*meter* imbaghbas. Hu spjega li kien dahal fil-hanut fl-1 t'Ottubru, 2013[21] mal-konvenju izda l-kuntratt sar wara fl-14 ta' Frar, 2014.[22] Xtara l-hanut bl-*stock* b'kollox u mal-konvenju inghata c-cavetta w beda jopera.[23]

**Il-Professur Cyril Spiteri Staines**, li ezamina l-meter tad-dawl in kwistjoni ddeskriva r-rizultanzi tieghu: *"Mela t-test preliminari kien li naghmlu t-three phase meter fuq it-test bench tal-Enemalta fil-meter room taghhom. Minn dak l-ewwel reading li taghna kien qed jaqra minus 34% inqas, jigifieri kien qisu ghandu phase minnhom mhux qed jaqra tajjeb, imbaghad ftahna l-meter. Meta nfetah ezaminajna l-printed circuit board ic-circuitory tieghu u* ***sibna li contact A1 il-contact kien maqlugh u reggha mdeffes lura*** *minn taht biex jidher again biex jaghti apparenza li dan m'ghandu xejn hazin, pero* ***ma kienx qed jaghmel kuntatt****, u l'uniku mezz kif setgha sar dan huwa li taqla l-wire, jigifieri trid tissaldja l-wire, taqla l-wire, taqtghu u terga ddefsu lura li l-insulation biss ikun fil-hofra fejn hemm il-wire u ma jaghmilx kuntatt mac-circuitory tieghu. Minhabba f'dan il-fatt li mhux qed jara kurrent ta' phase minnhom* ***il-meter kien qed jaqra under by around*** **33%** ***ghax huwa three phase meter.....*** *Xi hadd nehha l-istun, qala l-wire"* [24] Iz-zmien meta gie *tampered* il-*meter* **ma rrizultax.[25]**

---

[18] Fol.150
[19] Fol.151
[20] Fol.154
[21] **Dok.CRO** a fol.185-186
[22] Fol.156. Vide kuntratt **Dok.CR** a fol.160 et seq.
[23] Fol.157
[24] Fol.206-207
[25] Fol.209

Minn din ix-xhieda u mir-rapport pprezentat mix-xhud[26], jirrizulta ghalhekk li l-*meter* in kwistjoni - u cioe` dak indikat fir-rapport tal-abbli espert bhala dak bin-numru 15003583[27] li hu precizament dak li gie elevat in segwitu tal-ispezzjoni li sehhet kif jixhed ir-rapport prezentat minn John Tonna[28] - **ma kienx qed jirregistra l-konsum kollu.** Dan kien dovut ghall-fatt li *"it-tbaghbis fuq il-GIST Smart Meter sehh permezz li nqatgha il-wire tal-current sensor. Imbaghad dan il-wire rega' gie imdeffes f'postu biex jinheba l-fatt li hu maqtuh. Tali modifikazzjoni taghti lok sabiex jigi registrat konsum inqas minn dak konsmat fir-rejalta."*.[29] Riprodott Profs. Spiteri Staines jghid: *"definitely **hemm phase minnhom li huwa maqlugh**. It-33% jew 34% l-ahhar rizultat finali wara t-testijiet kollha kien ta **33.34%.** Dak jindika zewg affarijiet, wahda li l-meter huwa three phase, tnejn li phase minnhom mhux qed jirregistra, ghax it-tliet phases bejniethom jirregistraw 33.333%, allura l-margin of error kien 33.34% li jaqbel ukoll ma' dak li qed jirrapurtaw l-Enemalta fuq l-ewwel test."*.[30]

**Richard Gauci**, ex-impjegat mal-Enemalta cahad li qatt ghamel xi tbghabis mal-*meter* li kien installat fil-hanut tal-imputat. **Anthony Pace** ukoll jixhed li hu ma ghamel l-ebda tbghabis mal-*meter* installat fil-hanut tal-imputat.

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, mhemmx dubbju li l-*meter* li nstab fil-hanut li sa Ottubru, 2013, kien jopera minnu l-imputat, kien mbghabas bil-ghan li ma jigix registrat il-konsum t'elettriku li kien effettivament qed jintuza.

Jirrizulta wkoll li bejn Ottubru, 2013, u Gunju, 2014, kienet persuna ohra li kienet tiggestixxi l-hanut, tant li l-ispezzjoni sehhet fil-presenza taghha u cioe` Rapinett.

---

[26] **Dok.SSB** a fol.211 et seq
[27] Fol.215
[28] **Dok.DRZ1** a fol.41 tergo
[29] Fol.223
[30] Fol.244

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Tabone** gie deciz:[31]

> Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:
>
> "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."
>
> Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela**, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."
>
> Issa l-fatt illi is-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz……
>
> Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata "din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett." Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh. [emfazi tal-Qorti]

Jirrizulta li Rapinett lahaq arragament mal-Enemalta u hallas ghall dak il-konsum li ma kienx qed jigi registrat bil-*meter three-phase*.

**Michael Buttigieg** in rapprezentanza tal-Enemalta pprezenta stima tal-konsum kalkolat minn meta gie mwahhal l-Smart Meter sa Ottubru, 2013, data li l-hanut beda jigi gestit minn Rapinett.

---

[31] Hon. Magistrate Dr Dr Edwina Grima; Dec. 18.03.2010. Vide also a judgement by the same Court as presided, **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, Dec. 13 ta' Jannar 2011 and **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et** Dec. 20.06.2013.

Il-premessa tal-prosekuzzjoni li abbazi taghha anke inharget stima mill-Enemalta, forsi anke fl-isfond ta' rizultanzi ohra fl-investigazzjoni wiesa' li saru mal-pajjiz kollu - fejn fl-istess zmieninijet bdew jinstabu diversi Smart Meters li kienu gew installati imbghabsa wara li l-meter *untampered* gie mibdul - hi li dan il-*meter* nru. 15003583,[32] twahhal diga` *tampered.* Hekk biss taghmel sens l-istima li tirrisali ghall Jannar 2011. Chetcuti jghid li kien fid-19 ta' Jannar 2011 li twahhal il-*meter* il-gdid, u dak iz-zmien kien qed jigu registrati biss 171.9 units. Hekk kif inbiddel u beda jigi registrat il-konsum kollu, l-konsum tela' ghal madwar 237 units kuljum.[33]

Izda prova li turi (a) l-konsum li kien jien hela sat-18 ta' Jannar, 2011 u (b) minn fejn jirrizulta li kienu qed jigu registrati 171.9 units biss, ma tirrizultax. Dak li jixhed Chetcuti ghalkemm il-qorti ma ghandhix dubbju dwar il-veracita` tieghu, jibqa' *hearsay*, mhux korroborat bi provi ammissibbli. Ghalkemm Antoine Busuttil jghid li l-istima nhaddmet *"a bazi tal-konsum li kien sar <u>precedentement</u>"*[34] ma tinghata l-ebda informazzjoni dwar liema perjodu qed jirriferi ghalih ghalkemm jista' jkun qed jirreferi ghaz-zmien qabel ma twahhal il-*meter* il-gdid.

Fil-kamp penali imputazzjonijiet iridu jigu pruvati minghajr dubbju dettat mir-raguni, u f'kull aspett taghhom. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dikjarazzjoni xotta bhal din minghajr dettalji ulterjuri. Minn fejn jirrizulta li *load* ta' 237 baqghet kostanti rrispettivament minn numru ta' *appliances*/ apparat iehor li jikkonsma l-elettriku tul l-hames snin precedenti ghall-ispezzjoni? Jigi sottolinejat ukoll li din ix-xhieda tiskontra ma dik ta' Alan Chetcuti meta jixhed li l-ammont ta' units li nhadmet l-istima fuqu l-Enemalta kien dak li gie registrat <u>wara li tnehha l-meter imbghabas</u> u gie nstallat meter iehor: *"Kif inbidel il-meter fl-ewwel gimghatejn wara l-ispezzjoni l-*

[32] **Dok.DRZ1** a fol.41 *tergo*
[33] Fol.52
[34] Fol.346

*konsum telgha ghal 250 unit ta' dawl kuljum.",*[35] u meta riprodott jikkonferma li kien wara l-ispezzjoni l-*readings* wrew li kienu qed jigu registrati *average* ta' 239 units kuljum.[36]

Izda anke hawn, il-qorti tistaqsi: xi investgazzjoni saret biex jigi determinat jekk tul iz-zmien kienx hemm aktar jew anqas apparat/*appliances* li beda jigi registrat hekk kif inbiddel il-*meter* mbghabas?

Bhala konsegwenza, il-Qorti ma tqisx li gie pruvat sal-grad mistenni meta effettivament sehh dan it-tbaghbis. Analizi tal-kontijiet precedenti ghall-Jannar, 2011, biss setghet twassal biex tinhareg id-diskrepanza li jalludu ghaliha Buttigieg u Chetcuti li hadmu l-istimi prezentati. Minn dik l-analizi biss setghet tinghata indikazzjoni determinanti meta l-konsum naqas drastikament b'xejn anqas minn 33% kif jixhed l-*inspection report*[37] u kif kkonstat mill-esperti ta' din il-Qorti.[38]

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**:[39]

> Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin –minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* **li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm)** serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, **kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu**. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari –

[35] Fol.52
[36] Fol.151
[37] Fol.41 *tergo*
[38] Fol.244
[39] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

> cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.
>
> **Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu**. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Ghalkemm minn dak li jixhed Chetcuti, l-indikazzjoni hi li <u>l-*meter* twahhal diga mbghabas</u>, kien fid-dmir tal-prosekuzzjoni li taghmel din il-prova. Kif inghad ma ngieb lanqas kont wiehed li jibda juri x'*load* kien ihallas ghalih Gauci qabel id-19 ta' Jannar, 2011, u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda prova li tista tistrieh fuqha biex tiddetermina kif naqas il-konsum drastikament skond kif allegat.

Fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal, u ma jispettax lill-imputat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'*appliances* kellhu tul il-medda taz-zmien li gie imputat lilu li wettaq serq ta' kurent elettriku. Galadarba gie deciz li l-imputat kellu jigi imputat b'reat u mhux semplicement mfittex civilment, kien fid-dmir tal-proseuzzjoni li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat. Wara kollox hu principju basiku legali li "*onus probandi incumbit qui osservit*".[40]

Sakemm il-ligi ma tkunx tipprovdi ghall-*praesumptio juris tantum,* simili ghal dik fl-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali, li twassal ghal kif ghandu jigi komputat konsum mhux registrat, jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sa dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali.

---

[40] **Manzini**, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

F'dan il-kaz lanqas saret domanda wahda lir-Rapinett dwar x'*appliances* sab fil-hanut meta hadu minghand l-imputat, jekk naqqasx jew ziedhom, kemm *fridges, generators, airconditioners*. Minn hawn setghet tibda tinbena stampa dwar l-ammont ta' konsum mistenni li jigi kkunsmat b'dawn l-*appliances,* biex sussegwenetemnt u meta paragunat ma dak li kien qed jigi effettivament registrat bhala konsum, iwassal sabiex issir id-debita prova dwar l-ammont ta' kurrent misruq u sussegwenement dwar il-kwalifika tal-valur. Il-Qorti tista' biss tispekula li hanut tal-merca, b'*meter three phase*, fejn gie kkonstatat li kien *under registering* bi 33%, fuq medda anke qasira ta' zmien, l-ammont t'elettriku mhux registrat kien ser ikun dak ta' aktar minn €232.94.[41]

Manadankollu, kif inghad dwar l-forza probatorja tal-stima prezentata, fil-kamp penali ma hemmx lok ghall-spekulazzjonijiet izda fatti pruvati bi provi ammissibbli. Lanqas ma gie pruvat sal-grad mistenni **meta sar it-*tampering***. Minghajr il-provi li gja sar accenn ghalihom, biex jintwera minn meta beda jkun hemm nuqqas notevoli fil-konsum ta' elettriku kkunsmat fil-hanut in kwistjoni, maghdud mal-fatt li l-hanut biddel l-idejn xejn anqas minn kwazi tmien (8) xhur qabel l-ispezzjoni, ma tistax tinstab htija dwar din l-ewwel imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra, li dwarhom ma ngabet lanqas l-icken prova, jinghad biss li dawn jirrikjedu li l-persuna li tkun giet korrotta tkun ufficjal pubbliku. L-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hi li kien Anthony Pace li ha hsieb iwahhal il-meter imbghabas fil-hanut tal-imputat.

**Dina Marie Camilleri** tixhed li Anthony Pace kien impjegat mal-Engineering Resources Limited u qabel mal-Enemalta.

---

[41] Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali

L-artikolu 28(5) ta' l-***Att dwar l-Enemalta,*** Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[42] kien jipprovdi: *"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".* Izda fl-***Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta,*** li *inter alia "iħassar l-Att dwar l-Enemalta u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konnessi ma' dan.",* ma tinsab l-ebda disposizzjoni simili. Mhux talli hekk izda l-Att il-gdid, minghajr distinzjoni specifikatament jipprovdi ghall-kuntrarju u cioe` li mad-dhul fis-sehh tal-Att l-impjegati tal-Enemalta saru w **kellhom jitqiesu li dejjem kienu impjegati ma Engineering Resources Ltd.,** deskritta fl-istess Att bhala *"(kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata rreġistrata skont il-liġijiet ta' Malta) u 1i għandha n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpannija C 65835".*

L-artikolu 4 ta' dan l-Att jipprovdi:

> 4. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-persuni kollha impjegati fil-Korporazzjoni minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandhom, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jiġu trasferiti u jsiru impjegati ta' Engineering Resources Ltd bis-saħħa ta' dan l-artikolu u mingħajr il-bżonn ta' kwalunkwe formalitajiet oħra.
>
> (2) Engineering Resources Ltd għandha tieħu l-jeddijiet u l-obbligi kollha li l-Korporazzjoni kellha lejn l-impjegati qabel it-trasferiment tal-impjegati bis-saħħa ta' dan l-artikolu u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, **għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi**, jitqies li kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni, u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi jkompli jgawdi l-istess jeddijiet u kundizzjonijiet li kellu minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, inkluż iżda mhux limitat għad-drittijiet tal-pensjoni jew drittijiet relatati mal-kalkolu ta' kwalunkwe pensjoni jew ta' kwalunkwe servizz pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew ta' kwalunkwe liġi oħra.

[42] Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta,* Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014.

Ghalkemm l-artiklu 4(2) jitkellem dwar *"jeddijiet u kundizzjonijiet",* evidentement riferenza ghall-kundizzjonijiet t'impjieg, bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-fatt li tkun meqjus bhala ufficjal pubbliku hija xi kundizzjoni. Anzi pjuttost hija kwalifika oneruza ghall-ahhar! ***L-Att XXXIV tal-2014*** ma pprovda ghall-ebda disposizzjoni tranzitorja li tindirizza procedimenti penali li jirrigwardaw reati li sehhew qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, minkejja li meta dan iddahhal fis-sehh f'Awissu, 2014, l-investigazzjonijiet mill-Enemalta u mill-pulizija dwar *meter tampering* kienu *in full swing*.

Kif gie kjarifikat li tali impjegati kellhom ikomplu jgawdu drittijiet relatati mal-pensjoni u servizz pensjonabbli taht l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kapitolu 93 tal-Ligijiet ta' Malta, li tirrigwarda persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, hekk kellu jsir ukoll rigward jekk dawn l-impjegati kellhomx jibqghu jitqiesu bhala ***ufficjali u impjegati pubblici;*** id-dicitura tal-Artikolu 4(2) tal-Att izda tipprovdi li impjegat tal-Enemalta issa kellu *"jitqies li kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni".*[43]

Ghalhekk qatt ma jistghu jirrizultaw l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati lil Gauci u cioe` dawk ta' korruzzjoni, konkussjoni u storn, imputazzjonijiet li lkoll kemm huma jirrikjedu li l-awtur ikun ufficjal jew impjegat pubbliku jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika.

---

[43] Fil-fatt fl-***Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika,*** jipprovdi:
“"impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern”;“"kariga pubblika" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni u għandha wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Att, tinftiehem li tfisser kull grad jew pożizzjoni ħlief dawk imsemmija fis-subartikolu (2)(a)”; u “"servizz pubbliku" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bil-Kostituzzjoni, iżda għall-finijiet ta' dan l-Att għandha tinftiehem skont is-subartikolu (2)”. Fih ma ssir l-ebda riferenza ghal dawn l-impjegati, li hekk kif saru kkunsidrati impjegati ma kumpanija privata necessarjament gew eskluzi mill-applikabbilita` ta' dan l-att.

Għaldaqstant abbażi tal-motivi hawn fuq mogħtija, l-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**